**Ħelsien**
**Kliem: Fr Pierre Bonniċi & Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Minn prinċep tas-sema ċċekken u sar
Għalik u għalija bħall-agħar fost il-fqar
Għax rana mitlufa fid-dnub u fl-imrar
Sar bniedem, sar bħalna, tarbija ġo għar

Il-fidwa ġa ġiet f'dal-lejl tal-Milied
It-tifel li twieled ġabilna l-ħelsien.

Għalkemm minn dil-grajja għaddew bosta snin
Iżd'aħna ferħana ninġabru flimkien
Tarbija turina li Alla ħanin
Mill-mewt lili u lilek kisbilna l-ħelsien

Il-Fidwa ġa ġiet f'dal-lejl tal-Milied
It-tifel li twieled ġabilna l-ħelsien.

Iżda nara madwari min fl-agħar dlamijiet
Mifluġ u mtaqqal taħt piż il-ħtijiet
Tgħid sema' bil-bxara tal-lejl tal-Milied?
Li Alla ħelisna - li l-fidwa ġa ġiet?

Il-Fidwa ġa ġiet f'dal-lejl tal-Milied
It-tifel li twieled ġabilna l-ħelsien

---

**Milied Kuljum**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Qed nisma' d-daqq tal-qniepen iħabbru l-Milied
Iwasslu l-ferħ f'lejl xitwi, it-tokki jiksru s-skiet

Qed nisma' kant ferrieħi - ilħna żgħar tat-tfal
Inisslu l-ferħ fit-toroq imżejna u kollha dwal

Għaliex hu tant diffiċli li jkun hekk kuljum?
Għax għada l-gwerra tkompli wara l-waqfa tal-lum?
Għax jekk kull jum li jgħaddi ikun bħal tal-Milied
Id-dinja tkun ferm isbaħ, bla biża', mingħajr ġlied

Qed nisma' tfajjel ċkejken jibki fl-għar bil-lej'
Il-wasla tiegħu tħabbar il-fidwa tal-Mulej

Qed nisma' kor ta' anġli jħabbru fis-smewwiet
Glorja lil Alla jgħannu, is-sliem lill-artijiet

Il-paċi li int wegħedtna meta ser tigi fl-art?
Għaliex il-qalb tant iebsa, ma trid li iċċedi qatt!

Milied kuljum... jum wara jum

---

**L-Innoċenti**
**Kliem: Fr Pierre Bonniċi mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Tkellem int għalija,
Ċkejkna Tarbija,
Tkellem int għalija llum
Forsi jasal dak il-jum
U mir-raqda d-dinja tqum
Tisma' it-tnehida ta' Rakel tibki 'l uliedha
Ta' Rakel tibki 'l uliedħa

Tkellem int għalija
Ċkejkna Tarbija
Jien xejn iktar ma nista'
Numru ieħor fil-lista
Għex ftit xhur u miet bil-guħ
Ħaffru ħofra u difnuh
Anġli, daqq u innijiet
Bħali jmutu bil-mijiet

Tkellem int għalija
Ċkejkna Tarbija
Fit-triq waħdi minsija
Użata u mormija
It-turisti jixxalaw
Bi ftit liri ġismi xtraw
Bozoz, stilel, Ċhristmas trees,
Bint il-fqir tinbiegħ bl-irħis

Tkellem int għalija

ĊkejknaTarbija
Jien il-lejla ħawn armat
Ħdax-il sena ġa suldat
Qalb il-balal u l-kanuni
Noqtol jien jew joqtluni
Xorb u ħelu u tiżjin
Flok rigali, l-azzarin

Osanna lil Bin David
Imbierek dak li ġej
Minn kull Erodi d-dinja
Ġej jeħles il-Feddej
Ismagħha t-talba tagħna
L-għajta tagħna, O Mulej
Il-ħajja, il-mewt tagħna
Tħallix li tkun għalxej'

---

**L-ewwel Milied**
**Kliem: Fr Pierre Bonniċi mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Fil-kesħa tax-xitwa fid-dalma tal-lejla
Stennejna ħerqana s-sebħ ta' jum ġdid
Dawl f'daqqa idda isbaħ mill-kwiekeb
Kant fl-għoli ħabbar l-ewwel Milied

Mal-għana tal-anġli smajna tarbija
Tfajjel qed jibki sibna ġo għar
Rajna ta' Alla l-ħniena, l-imħabba
Ġie biex jifdina fqir fost il-fqar

Qalulna nitilqu kollox warajna
Immorru fejn twieled prinċep feddej
Mhux fil-palazzi tas-slaten setagħna
Iżda fil-moħbi, fil-ħemda tal-lejl

Kulħadd kien jistenna l-Mulej mis-sħab jinżel
Bis-sebħ u l-glorja qawwi gwerrier
Rajna kemm akbar hi s-setgħa ta' Alla
Ġie biex jifdina, ċkejken u fqir

---

**Jum Kbir għal Betlehem**
**Kliem: Pierre Bonniċi mssp**
**Mużika: Karm Debattista mssp**

Jum kbir għal Betlehem
Jum kbir għal Betlehem
Jum kbir għal Betlehem
Għax twieled ċkejken bambin

Din l-akbar storja li qatt ġrat li nħabbru fil-Milied
Kif tnejn li waslu f'Betlehem fil-kesħa u fis-sried
Il-mara għajjiena, r-raġel fqir, iħabbtu l-bibien
Il-ħajja ġdida ġa fil-qrib 'ma post ma hemm imkien

Fittxew u tħabtu t-tnejn għal post fil-belt mimlija nies
Post wieħed baqa' f'Betlehem, għad baqa' wieħed biss
Maxtura ċkejkna, għoġol, hmar man-nagħaġ u l-mogħoż ġo għar
Hemm ġewwa stalla strieħu ftit ma sabu mkien aħjar

Hekk tard bil-lejl fil-bard u l-ksieħ qalb tiben u ftit xgħir
Ġo post imwarrab minn kulħadd tweldilhom iben żgħir
L-anġli kantaw "Glorja u sliem lill-iben naduraw
Il-paċi reġgħet ġiet fuq l-art, Osanna inkantaw."

---

**Isbaħ minn Dawn**
**Kliem: Fr Pierre Bonniċi mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Kemm kienu sbieħ il-kwiekeb dik il-lejla
Xita ta' ġawar jimla' s-smewwiet
Riedu bid-dija juru 'l kulħadd
Fejn twieled ir-re tar-rejiet

Kemm kienu sbieħ l-ilħna tal-anġli
Kisru bil-għana l-ħemda tal-lejl
Glorja fis-sema paċi fuq l-art
Iħabbru t-twelid tal-Mulej

Iżd' isbaħ minn dawn l-imħabba
li xtegħlet fl-għajnejn u fil-qlub
Ta' dawk li raw tfajjel ġo għar

li ġie biex jeħlisna mid-dnub

Kemm huma sbieħ id-dwal li ta' kull sena
Jiddu u jżejnu t-toroq fl-ibliet
Juru lil ħlejjaq bid-dija u l-ilwien
Il-ferħ ta' kulħadd fil-Milied

Kemm huma sbieħ l-ilħna ferrieħa
Jimlew bil-għana lejla ta' bard
Jerġgħu bħall-anġli iħabbru bil-ferħ
Paċi 'l-bnedmin ħawn fuq l-art

Iżd' isbaħ minn dawn l-imħabba
li tixgħel fl-għajnejn u fil-qlub
Min jilqa' llum tfajjel ġo għar
li ġie biex jeħlisna mid-dnub

Wisq isbaħ minn dawn

---

**Tul il-lejl**
**Kliem: Fr Pierre Bonniċi mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Tul il-lejl ir-ragħajja ġrew
Omm u tfajjel f’għar fittxew
Hekk ġie mħabbar f’nofs ta’ lejl
Illi twieled tfajjel żgħir

Dija kbira kullimkien
Bħalha qatt ma raw imkien
Ilħna semgħu mis-smewwiet
Kissru b’kant sabiħ il-kwiet

Għal dak li ġie ħawn fl-art
Li ħabbna u bniedem sar
L-Iben divin li mwiegħed kien
Mill-ewwel żminijiet

Waslu fl-aħħar ġo għar fqir
Tawh rigali u tifħir
Ragħajja msejkna, mhux mgħallmin
Tgħid intebbħu dan min kien?

Dan dak li ġie hawn fl-art
Li ħabbna u bniedem sar
L-Iben divin li mwiegħed kien
Mill-ewwel żminijiet

Glorja 'l Alla fis-smewwiet
Is-sliem tiegħu fl-artijiet
Ħabbru anġli fl-art mill-ġdid
Li daċ-ċkejken hu s-Sid

Lil dak li ġie hawn fl-art
Li ħabbna u bniedem sar
L-Iben divin li mwiegħed kien
Mill-ewwel żminijiet

---

**Armonija**
**Kliem: Fr Pierre Bonniċi mssp**
**Mużika: Fr  Karm Debattista & Fr  P. Bonniċi mssp**

Arah fil-bard qalil tal-lejl jistenna
Ifittex post 'il bogħod mid-dlam u l-ksieħ
Kulfejn iħabbat m'hemmx ħlief djar mimlija
Il-qalb tal-bniedem qisha nsiet kif tħenn

Arah għaddej mit-triq bid-dwal imżejna
Presepji u pasturi hemm f'kull dar
Minn ġewwa ħiereġ kant u daqq ferrieħi
'Ma dawl u daqq għalih ma jfisser xejn

Ma jridx jisma' l-kant sabiħ ta' l-anġli
Ma jridx l-istilla ssebbaħ b'dawlha l-lejl
Irid igħix qalb nies igħixu f'armonija
Irid isib li qalbek taf tħobb
Irid isib li qalbek taf tħobb

Il-ksieħ li llum iħoss mhux ksieħ ix-xitwa
Id-dlam li hemm madwaru mhux tal-lejl
Il-ksieħ li ġej minn qlub kiesħa rħama
Id-dlam, nuqqas ta' dawl minħabba d-dnub

Tibżax, ħallih jistkenn mill-bard f'qiegħ qalbek

Kebbislu ħalli jisħon f'qalbek nar
Ħa jiddi sakemm jisboq dawl il-kwiekeb
Mal-bnedmin ħutek għanni paċi fl-art

---

**Mal-Kant ta' l-Anġli**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Twieled ġewwa stalla fil-kesħa ta' bil-lejl
Bejn il-baqra u l-ħmara hemm l-Iben tal-Mulej
Fuq l-istalla ċkejkna hemm stilla b'dawl fiddien
U ġewwa hemm Marija, b'Ġużeppi tant ħosbien

Kanta li dat-tfajjel, Ġesù ċkejken bambin
Mogħti llum għalina, hu sinjal li Alla ħanin
Rigal mis-sema nieżel għalina l-bnedmin
Ħallih lil qalbek jisraq, ċkejken Ġesù bambin

Ma' ġenbhom hemm ir-ragħajja, ħallewhom il-merħliet
Meta dehrulhom anġli li kisru b'kant is-skiet
Dlonk ġrew fejn sabu t-tifel, niżlu biex jadurawh
Li kellhom ħaduh magħhom, b'rigali lilu tawh

Kanta ma' l-anġli... kanta

---

**Għaż-żgħar Biss**
**Kliem: Fr Pierre Bonniċi**
**Mużika: Fr Karm Debattista**

F'din il-lejla l-qalb tithenna
Noti safja jiksru s-skiet
Isma' l-innu ġej mill-ġenna
Glorja fl-għoli tas-smewwiet
Art u sema t-tnejn flimkien
Paċi jħabbru lill-bnedmin

Ħa ninġabru kif imiss
Din il-lejla lkoll flimkien
Lesta l-festa għaż-żgħar biss
l-ikbar, l-ewwel iċ-ċkejknin

Erġa' ħoss ġo ruħek tfur
Dik is-safa li ħallejt
Erħi 'l qalbek terġa' ddur
Għat-tfulija li nsejt

Ġewwa t-toroq dawl fiddien
Bħal tal-kwiekeb f'dak il-lejl
Qlubna mkebbsa, imħeġġin
Jiddu b'ferħ, ġej il-Mulej

---

**Tħares lejh Marija**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Tħares lejh Marija, ċkejken hekk tarbija
'L Alla ma tarax, tifhem ma tistax
Tista' biss tiftakar dak li l-anġlu ħabbar
Iben Alla hu u ssemmih Ġesù

Kif nista' nkun Omm Alla Jien?
F'moħħha jidwu dawn il-kliem
Kif jista' qatt Alla setgħan
Isir tarbija, tfajjel daħqan?

Kif nista' nkun Omm Alla jien?
F'moħħha spiss jidwu dawn il-kliem
Kif nista' nrabbi lill-Mulej
Iben Alla u Feddej?

Issa hemm f'idejħa, tressqu lejn ħaddejha
Rieqed kemm hu kwiet, taħseb hemm fis-skiet
Magħluqin għajnejh, tant ċkejknin idejh
Bihom x'għad isir minn dat-tfajjel fqir

Taħseb fuq kliem Xmun, ħellies ser ikun
Sebħ għal Israel, dawl għall-ġnus jinxtegħel
Tiġrif u qawmien, sinjal għal kull żmien
Jikxef ħafna qlub... lilħa sejf minfud

---

**Xewqat Sbieħ**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Dan hu żmien ta' ferħ li f'qalbna hemm
Għax twieled il-ħallieq
Dan hu żmien ta' paċi u hena
Li jġibilna l-Milied
Ejjew ngħaddu dan l-awgurju
Ejjew naqsmu l-ferħ flimkien
Ferħ li ġej għax Alla twieled
Biex ġabilna l-Ħelsien

Waqt li naqbdu lkoll id f'id
nixtiqulkom barka u ġid
Magħkom dejjem għal kull żmien
B'mod speċjali f'dawn il-jiem
Xewqat sbieħ għal dal-Milied
Mimli paċi mis-smewwiet
Tfawwar qalbkom b'kull ma trid
Hena u barka, sliem u ġid

Jiem tant sbieħ fejn nirbħu l-firda
Mill-mibegħda meħlusin
Jiem tant sbieħ fejn l-għaqda ssaltan
Ħawn madwar ċkejken bambin
Ninsew dak illi jifridna
Dejjem nersqu lejn xulxin
Id f'id nimxu t-triq kollha
F'imħabbitna magħqudin

Jekk tisma' għaddej, kant ta' l-anġli ġej
Kun af li l-Mulej bagħtilna l-feddej
Jalla dan is-sliem li jfawwar f'dal-jiem
F'qalbkom għal kull żmien, għal dejjem bla tmiem